*Kunsill Lokali Ħamrun*
*683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,*
*Ħamrun*
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-kontinwazzjoni tal-mitejn u tnejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr.J. Abela fejn talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill approva li Dr.J. Abela ikun skużat.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Ħruġ ta' offerta – Resurfucing ta' Triq id-Duka ta' Edinburgh u Triq Eldorado

L-istimi tat-toroq huma:

Triq id-Duka ta' Edinburgh - €46,198.00
Triq Eldorado - €40, 596.00

Il-Kunsill approva li jinħarġu l-offerti għar-*resurfucing* ta' dawn it-toroq wara li l-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma jistabbilixxu x-xogħolijiet li huma jeħtieġu jagħmlu f'dawn it-toroq.

Sadanittant il-Kunsill ġie nfurmat li *Transport Malta* applikat għal-permess biex jingħata wiċċ ġdid Triq Eugenio Borg u l-aħħar parti ta' Triq Roger Debattista.

Fis-5.45pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

Fis-5.45p.m il-Kunsill approva sospenzjoni temporanja tal-laqgħa sabiex jiġi diskuss il-Festival taċ-Ċikkulata mal-Kordinatur.

Fis-7.00pm tkompliet il-laqgħa.

## 4. Festival taċ-Ċikkulata

Wara li l-Kunsill ingħata spjegazzjoni mill-Kordinatur dwar il-preparamenti għall-Festival taċ-Ċikkulata, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat stedina lill-Għaqdiet sabiex jipparteċipaw fl-istess attivita'. Ġie deċiż li l-istedina tintbgħat lit-Tlett Għaqdiet tal-Banda, Ħamrun Liberty, Ħamrun Spartans FC, Ħamrun Spartans Supporters Club, Ħamrun Spartans FC Youth Nursery, Civic Club u Girl Guides.

Il-Kunsill irċieva talba mill-Hobbies Society sabiex jitħaffru bejn 4 jew 6 ħofor fi Sqaq il-Għajn sabiex fuqhom jitwaħħlu Bandalori. Ġie deċiż li ssir spezzjoni qabel jiġi deċiż li jsiru l-ħofor.

## 5. Attivitajiet tal-Milied 2010

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ħamrun Spartans fejn spjegaw li kienu nteressati jorganizzaw attivitajiet għal-Milied. Huwa spjega li talabhom jiktbu ittra f'dan ir-rigward. Is-Sindku qara l-ittra li rċieva mingħand il-Ħamrun Spartans FC fejn spjegaw dak li kellhom f'moħħhom partikolarment li jpoġġu palk faċċata tal-Każin biex isir divertiment fuqu, ikollhom DJ idoqq mużika li jinstemaw fuq *PA System* fi Triq il-Kbira San Ġużepp u ssir *Christmas Village* fi Pjazza San Pawl.

  Ġie deċiż li nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru fis-7.00pm ssir laqgħa ma' rappreżentanti tal-Ħamrun Spartans biex jiġu diskussi l-proposti tagħhom. Is-Sindku, Viċi Sindku, s-Sinjura C. Borg, s-Sur M. Caruana u s-Sur C. Valletta ser jattendu għal-laqgħa.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sur Arthur Azzopardi kien qallu li kien lest jgħin lill-Kunsill jiġbor il-kontribuzzjoni tal-ħwienet għall-armar ta' dawl tal-Milied fi Triq il-Kbira San Ġużepp.

- Is-Sur C. Valletta qara l-minuti tas-Sotto Kumitat li ddeskriva l-attivitajiet għal-Milied proposti għal din is-sena. Is-Sotto Kumitat issuġġerixxa li s-sidien tal-ħwienet jikkontribwixxu €80.00 sabiex ikun jista' jsir l-armar tat-tiżjin tad-dawl ta' Triq il-Kbira San Ġużepp u possibilta' ta' Triq Dun Nerik Cordina Perez taħt il-kordinazzjoni tal-Kunsill.

  Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra lill-ħwienet f'dan ir-rigward.

## 6. <u>Ħwejjeġ oħra ta' natura urġenti</u>

*6.1 Rapport Żvilupp Sostenibbli*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lis-Sur A.Guillaumier biex jikteb introduzzjoni tal-istorja tal-Ħamrun għar-rapport filwaqt li l-Kunsill jipprova jikseb ritratti ta' postijiet strateġiċi u prominenti fil-Ħamrun għall-pubblikazzjoni. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

*6.2 Spiżerija ta' l-Għażla Tiegħek*

Is-Sur C. Valletta ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-awtoritajiet tas-Saħħa biex nitolbu li l-Ħamrun jiġi inkluż fl-iskema tal-iSpiżerija ta' l-Għażla Tiegħek. Il-Kunsill qabel li tintbgħat ittra f'dan ir-rigward.

*6.3 Manhole Cover fi Triq Farsons*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar *Manhole Covers* iħabtu fi Triq Farsons. Is-Sindku spjega li l-Korporazzjoni Servizzi ta' l-Ilma ser jibdlu l-Manhole *Covers* difettużi.

*6.4 Parkeġġ perikoluż – Triq Manwel Magri*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar parkeġġ perikoluż li qed ikun hemm fuq is-*central strip* fi Triq Manwel Magri minn vettura ta' Alfsons Ltd. Huwa talab li tinsab soluzzjoni.

*6.5 Attivita' tal-Palio*

Is-Sur C. Valletta ġie avviċinat mis-Sur Frank Vella li ssuġġerixxa li l-attivita' tal-Palio ssir fit-8 ta' Settembru sabiex niksbu fondi mill-MT, peress li tkun festa nazzjonali. Il-Kunsill għandu jiddiskuti din il-materja mal-Onor. Dr. Mario Demarco.

*6.6 Parkeġġ fi Triq Atocia*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ilment li rċieva mingħand resident li għandu garaxx fi Triq Atocia fejn qal li qed jipparkjaw vetturi quddiem il-garaxx u għalhekk talab li ssir kaxxa safra. Is-Sindku spjega li mhux issir żebgħa fuq il-madum u li sid il-garaxx kien qed ipoġġi tabella quddiem il-garaxx tiegħu biex isolvi l-problema.

*6.7 Belisha lights fi Triq Kappillan Mifsud*

Is-Sur C. Valletta ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward *Belisha light* nieqsa fuq *Pedestrian Crossing* fi Triq il-Kappillan Mifsud.

*6.8 Ħadida fi Triq Villambrosa*

Il-Viċi Sindku staqsa meta ser terġa' titwaħħal il-ħadida li tneħħiet minn Triq Villambrosa fuq ordni tat-*Transport Malta* minkejja li kellha permess mill-MEPA. Is-Sindku spjega li hemm korrispondenza bejn il-Kunsill u TM f'dan ir-rigward.

Fit-7.55pm il-Viċi Sindku ġie skużat mill-laqgħa.

*6.9 Dawl nieqes fi Triq Qrejten*

Is-Sinjura J. Bugeja ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill rigward dawl nieqes fi Triq Qrejten. Is-Sindku spjega li ser jara x'jista' jsir mill-kuntrattur tad-dawl.

*6.10 Tisqija fi Triq Wenzu Mallia*

Is-Sinjura J. Bugeja nfurmat lill-Kunsill li rċeviet ilment li l-qsari li hemm fi Triq Wenzu Mallia mhux jissaqqew.

Fit-8.00pm Dr. P. Mifsud Bonnici ġiet skużata mill-laqgħa.

*6.11 Bins fi Triq Mountbatten*

Is-Sinjura J. Bugeja ssuggerit li jitwaħħlu *bins* fi Triq Mountbatten.

Fit-8.15pm is-Sinjura C. Borg ġiet skużata mill-laqgħa.

*6.12 Petizzjoni dwar Bring –In–Site fi Triq Villambrosa*

Is-Sur A. Ellul ippreżenta petizzjoni minn residenti fi Triq Villambrosa rigward il-*Bring-In-Site* li tpoġġa fl-istess triq quddiem id-*Day Centre*. Ġie deċiż li l-Kunsill jara jsibx post alternattiv għall-*Bring-In-Site*.

*6.13 Permess tal-Parking għall-Viċi Kappillan*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-Viċi Kappillan fejn talab biex il-Kunsill jikkunsidra joħroġlu permess speċjali tal-Parkeġġ peress li n-natura tax-xogħol tiegħu jirrikjedi li jdur f'diversi toroq fil-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċieda li f'din iċ-ċirkostanza jinħareġ il-Permess Speċjali tal-Parkeġġ.

## 7. **<u>Aġġornament</u>**

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill ser issir nhar it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA